

Brussell, 8 ta' Awwissu 2019
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0166(NLE)

11632/19
ADD 1

MAMA 126
MED 15
MA 6

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2019) 364 final
Suġġett:	ANNESS tal- proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni mwaqqaf permezz tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jstabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni ta' rakkomandazzjoni dwar l-estensjoni tal-Pjan ta' Azzjoni UE-Marokk li jimplementa l-Istatus Avvanzat (2013-2018)

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2019) 364 final.

Mehmuż: COM(2019) 364 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 6.8.2019
COM(2019) 364 final

ANNEX

ANNEX

tal-

proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni mwaqqaf permezz tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jstabilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni ta' rakkomandazzjoni dwar l-estensjoni tal-Pjan ta' Azzjoni UE-Marokk li jimplementa l-Istatus Avvanzat (2013-2018)

ANNEX

RAKKOMANDEZZJONI Nru 01/2019 TAL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI UE-MAROKK

li tapprova l-estensjoni b'sentejn tal-Pjan ta' Azzjoni UE-Marokk li jimplementa l-istatus avvanzat (2013-2018)

IL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI UE-MAROKK,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Ewro-Mediterranju li jstabilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra (“il-Ftehim Ewro-Mediterranju”),

Billi:

- (1) Il-Ftehim Ewro-Mediterranju daħal fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 2000.
- (2) L-Artikolu 80 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju jagħti s-setgħa lill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni li jagħmel rakkomandazzjonijiet li jqis xierqa, bl-iskop li jintlaħqu l-objettivi tal-Ftehim.
- (3) Skont l-Artikolu 90 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju, il-Partijiet iridu jieħdu kull miżura ġenerali jew speċifika meħtieġa biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont il-Ftehim u jridu jiżguraw li jintlaħqu l-objettivi stipulati fil-Ftehim.
- (4) L-Artikolu 10 tar-regolamenti ta' proċedura tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jipprevedi l-possibbiltà li jinħarġu rakkomandazzjonijiet, bejn is-sessjonijiet, permezz tal-proċedura bil-miktub.
- (5) L-estensjoni tal-Pjan ta' Azzjoni 2013-2018 se tkun il-bażi tar-relazzjonijiet UE-Marokk għas-snin 2019 u 2020 u se tippermetti li jiġu stabbiliti l-oqsma l-ġodda ta' prijorità għar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Marokk fis-snin li ġejjin.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, permezz ta' proċedura bil-miktub, b'dan jiddeċiedi li jestendi b'sentejn il-Pjan ta' Azzjoni UE-Marokk li jimplementa l-istatus avvanzat (2013-2018).

Magħmul fi xx, [...2019].

*Għall-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Marokk
Il-President*
